C/2024/5861

26.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11729 – TAV / FRAPORT / FTA I JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5861)

1. Fit-18 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TAV Airports ("TAV", it-Turkija), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Aéroports de Paris S.A.;

— Fraport AG ("Fraport", il-Ġermanja).

TAV u Fraport akkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Fraport TAV Antalya Terminal Isletmeciligi ("FTA I" JV).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— TAV hija operatur elenkat ta' ajruport Tork ibbażat f'Istanbul u ajruporti li joperaw fit-Turkija b'mod partikolari (l-Ajruport ta' Antalya, Ankara, Izmir, Bodrum u Gazipasa) kif ukoll ħwienet mingħajr dazju, ħwienet tal-Ikel u x-Xorb (F&B) u lounges tal-ajruporti, u jipprovdi servizzi fuq l-art u ta' sigurtà.

— Fraport hija kumpanija b'ishma Ġermaniża kkwotata pubblikament u l-kumpanija omm ta' Fraport Group, li hija attiva fin-negozju tal-operazzjonijiet tal-ajruport. Is-sit ewlieni ta' Fraport Group huwa l-Ajruport ta' Frankfurt.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' FTA I JV huma dawn li ġejjin: l-operat tal-ajruport ta' Antalya.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11729 – TAV / FRAPORT / FTA I JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË